MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 333/2000/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet ta' Carmelo u Agnes konjugi Azzopardi u l-istess Carmelo u Agnes konjugi Azzopardi**

**Vs**

**Anthony Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine is-somma Lm268.52c u lill-konjugi Schembri Lm100 – danni subiti in segwitu ghal incident stradali li gara fit-22 ta' Dicembru 1999 f'San Giljan bejn car numru FAE 168 tal-istanti Schembri u assikurata b'polza comprehensive mal-istanti Middle Sea Insurance plc u l-vettura numru BBI 264 misjuqa mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba

mperizja , negligenza, imprudenza u in osservanza tar-regolamenti. Bl-ispejjes komprizi Lm11.50 ta' konsult u ittra u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 5 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici billi l-kollizzjoni meritu tal-kawza gara unikament minhabba t-tort u t-traskuragni ta' Louise Azzopardi illi dak il-hin kienet qeghda ssuq il-vettura assikurata tal-atturi.

2. Salv eccezzjoniiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-incident in esami gara fit-Telgha ta' San Giljan li twassal fid-direzzjoni ta' San Giljan. Kif jidher mill-<u>iskizz</u>, esebit in atti minn <u>PS 1113 Emanuel Aquilina</u> (fol 20 sa fol 25 ibid) fil-vicinanzi u fuq il-lemin tal-vetturi involuti f'dan l-incdient, tinsab fergha ta' Bank, fil-qiegh tal-imsemmija telgha maghrufa ukoll u komunament bhala 'In–nizla tal-kirxa'. Fuq l-istess skizz hemm murija z-zewg vetturi involuti cjoe dik misjuqa minn Marie Louis Azzopardi bin-numru FAE 168 u l-ohra misjuqa mill-konvenut bin-numru BBI 264.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-istess <u>Marie Louis Azzopardi</u> (fol 26 et seq ibid) spjegat li kienet waslet bil-karozza misjuqa minnha fil-qiegh tan-nizla hawn fuq imsemmija waqfet u kienet qed tipparkeggaha, permezz ta' indjetregjament, fuq ix-xellug taghha u bil-'hazard lights' mixghulin. Waqt din il-manuvra u kif kienet kwazi terminata, fuq in-naha tal-lemin taghha kien gie 'truck' tal-pitrolju, misjuq mill-konvenut u habat mal-karozza misjuq minnha. Ix-xhud semmiet li fl-

istess lokalita', kien hemm karozzi parkeggiati fuq iz-zewg nahat u filfatt, waqt li kienet ser tibda tinzel in-nizla indikata, hi kienet rat, parkeggat, l-istess 'truck' tal-pitrolju.

Illi giet prodotta, bhala xhud, Mary Doris Spiteri, (fol 28 et seq ibid) habiba tax-xhud precedenti u li kienet wieqfa fil-karozza taghha ftit l-isfel minn fejn gara l-incident in esami u tistenna lill-istess habibha sabiex tipparkegga u titla fil-karozza misjuqa mix-xhud. L-istess xhud qalet li kienet rat l-istess incident mill-mera taghha, kemm dik interna kemm dik laterali fuq il-lemin. Hi xehdet li kienet rat li l-habiba taghha kienet kwazi 'dahlet' meta, pero nizel '…truck' tal-pitrolju mill-kbar u rajtu jsuq too close mal-karozzi pparkjati'. Hi semmiet u ssottolineat li fuq il-lemin tal-istess 'truck' '….. kien hemm wisa' bizzejjed sabiex jghaddi'. Fl-ahhar nett, hi semmiet ukoll li waqt li kienet wieqfa kif di gja gie spjegat, hi kellha mixghulin il-'hazard lights' taghha, waqt li l-karozza misjuqa minn Marie Louise Azzopardi kellha id-dawl tal-indicator' mixghul.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 33 et seq ibid) jsostni illi waqt li kien niezel bil-mod dejjem fl-istess nizla u b'karozzi parkeggati fuq iz-zewg nahat hu sema '… hoss ta' 'bumm'' u induna li kien intlaqat , fuq in-naha tax-xellug bejn il-kabina w il-parafangu ta' wara. Dwar dan hu sahaq 'Qabel ma laqtitni l-karozza l-ohra, jiena ma kontx rajtha hawnhekk fil-post', 'Quddiemi t-triq kienet 'clear' u 'Qabel il-habta ma rajt l-ebda karozza tirriversja'.

Ikkunsidrat

Illi biex tasal sabiex tikkonkludi dwar minn seta' kellu r-responsabilta' ghal dan l-incident, gew konsiderati is-segwenti fatti rrisultanti mill-provi kif esposti:-

a. Jidher li Marie Louise Azzopardi kienet qed tindjetregga l-karozza misjuqa minnha bid-debitu kawteli u prekawzjonijiet kollha rikjesti minnha waqt li kienet qed tesegwixxi l-manuvra kif deskritta hawn fuq.

b. Mill-iskizz msemmi, jidher li l-konvenut kien qed jsuq vicin hafna tal-vetturi parkeggati fuq ix-xellug tieghu u dan meta qed jsuq f'triq 'a senso unico' u bi spazju ampju sabiex jsuq aktar lejn il-lemin tieghu anke jekk jigi kunsiderat li fuq il-lemin tat-triq, seta' kien hemm vetturi ohra parkeggati.

c. Inoltre jidher ukoll li l-istess konvenut ma kienx attent u dan hu evidenzjat mix-xhieda tieghu stess. Difatti hu qal li ma kien ra ebda vettura quddiemu waqt li din qed tigi indjetregjata sabiex Marie Louise Azzopardi tipparkeggaha. Dwar dan il-punt, il-Qorti hi konvinta li l-konvenut ma kienx ra din il-manuvra qed tigi esegwita minhabba nuqqas ta' attenzjoni ghal dak li kien qed jigri quddiemu u madwaru.

Illi, minhabba hekk, ir-responsabilita ta' dan l-incident ghandha tigi akkollata lill-konvenut minhabba sewqan traskurat da parti tieghu.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-'quantum' pretiz, ma jidhirx li dan, b'xi mod, gie kontestat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
2. Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma totali ta' Lm368.52,0 u
3. tikkundanna lill-kovenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm268.52,0 u lil Carmelo u Agnes konjugi Azzopardi s-somma ta' Lm100 bl-imghax legali mid-29 ta' Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm11.50 ghal konsult u ittra kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2000, imsemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------